# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 518/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Axel Vella**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Axel Vella**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 179395(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. għax-xahar ta' Diċembru 2021 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Marissica Bugeja u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-

ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tikkalibra l-piena kominata għal waħda aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq is-segwenti aggravji dwar il-piena mogħtija fis-sentenza appellata:

- Il-mezzi finanzjarji tiegħu: L-appellant isostni li piena ta' priġunerija mhijiex waħda idonea fiċ-ċirkostanzi stante li b'dan il-mod il-qagħda finanzjarja tiegħu ser tkompli taggrava ruħha bil-konsegwenza li l-*parte civile* ser iddum ma titħallas;

- Ir-reat kontinwat: L-appellant jisħaq li stante li l-appell tiegħu f'dawn il-proċeduri ġie ntavolat flimkien ma' tliet appelli oħra tiegħu u li jikkonċernaw ksur tal-istess kontravenzjoni fuq medda ta' xhur differenti kif ukoll fid-dawl tal-fatt li hu ġie

> arbitrarjament prekluż mill-Prosekuzzjoni milli jibbenefika minn dak dispost f'Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena fuqu nflitta għandha tiġi varjata sabiex tirrifletti ċ-ċirkostanzi li jsawwru dan il-każ.

Illi l-Qorti jirriżultalha li tul is-smiegħ ta' dan l-appell, l-appellant ħallas l-ammont dovut minnu lil *parte civile* u li da parte tagħha l-*parte civile* nfurmat lill-Qorti li l-ammont kollu relatat mal-proċeduri odjerni ġie saldat u li kienet qed tirrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli.

Illi stante illi l-kontravenzjoni in kwistjoni hija kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li għad illi mhux normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata ħlief jekk dik il-Qorti ma setgħetx raġonevolment u legalment tasal għal dik il-konklużjoni, madanakollu l-iskop tal-leġislatur kif espress f'Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ntlaħaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' ħlas tal-ammont kollu dovut. In fatti, kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** (Numru 124/2003) mogħtija fid-9 ta' Lulju 2003, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tinnota li hemm lok li jkun hemm temperament fil-piena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Axel Vella u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjoni addebitata lilu, tgħaddi biex tvarja l-piena nflitta u wara li rat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**